A.L. 131 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR IL-LOTTU PUBBLIKU (KAP. 70)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 dwar il-Lottu Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 109 ta' l-1990.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għar-rigward tat-tlugħ tal-lottu tad-9 ta' Mejju, 1998 u ta' kull tlugħ ieħor sussegwenti.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Meta l-valur totali tal-premjijiet kollha f'xi tlugħ ikun jaqbeż il-ħames mitt elf lira Maltija (Lm500,000), l-ammont ta' kull premju jitnaqqas proporzjonalment hekk illi l-valur totali tal-premjijiet kollha ma jkunx jaqbeż dak il-limitu:

Iżda l-Ministru jista', f'dawk il-każi fejn il-limitu ta' ħames mitt elf lira Maltija (Lm500,000) jinqabeż, jawtorizza l-pagament sħiħ tal-premjijiet mirbuħa jekk ikun jidhirlu li dan ikun ġustifikat għal raġuni ta' *policy*.".